FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL

15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

12 t'April 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Kunsillieri Davina Sammut Hili u Vincent Borg sejhu laqgha b'urgenza tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 8 ta` April 2015 fil-11.30am**, b'din l-agenda:

1. Tqassim tal-Programm ta` Hidma

Ghal-laqgha kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano u L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma kinux prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Tqassim tal-Programm ta` Hidma

1.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillieri Sammut Hili u Borg jifthu l-materja peress li kienu huma li talbu s-sejha tal-laqgha straordinarja.

1.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-laqgha kienet intalbet minhabba li l-gurnata ta' qabel kienet giet iccirkolata memo interno li gabet l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri sabiex il-pubblikazzjoni tal-Kunsill ma titqassamx dik il-gimgha izda l-gimgha ta' wara l-elezzjoni.

1.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kunsillieri kienu gew informati mis-Sindku li kien hemm qbil unanimu bil-premessa li l-ktejjeb jitqassam qabel l-elezzjoni. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan il-qbil kien sar bil-premessa li l-ktejjeb jitqassam ammont ta' zmien sew qabel u mhux l-ahhar gimgha tal-elezzjoni.

1.1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla billi qal li kien ghalhekk li kienet giet iccirkolata l-memo interna.

1.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ghalhekk li kienet issejhet laqgha straordinarja sabiex tittiehed decizjoni formali sabiex il-pubblikazzjoni tal-Kunsill ma titqassamx dik il-gimgha izda l-gimgha ta' wara l-elezzjoni.

1.1.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien hadem hafna fuq il-programm mas-Segretarju Ezekuttiv izda jhoss li ma jkunx gust li l-ktejjeb jitqassam dik il-gimgha.

1.1.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jixtieq jaghmilha cara li mill-pubblikazzjoni hadd ma kien ser jiggwadanja vantagg personali u li kieku kien ser ikun hemm vantagg, kien ser ikun ghall-erbgha kunsillieri li ser jergghu jikkontestaw l-elezzjoni li gejja.

1.1.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jhoss li jekk ir-residenti jircievu l-ktejjeb dakinhar, ftit jiem biss qabel l-elezzjoni, dan kien ser inissel kritika u ser jinhass bhala attentat finali sabiex il-kunsillieri jintrabtu mas-siggu tal-poter.

1.1.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li fic-cirkostanzi, allura jahseb li jaghmel sens li l-ktejjeb jitqassam il-gimgha ta wara. Huwa zied jghid ghal darb'ohra li b'dan il-hsieb, ma kienx qed ifisser li mill-ktejjeb kien ser jiggwadanja xi individwu partikolari.

1.1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li kienet cara fil-laqghat fejn gie diskuss dan il-ktejjeb, fejn ikkwotat mill-minuti l-kummenti taghha. Hija thoss li l-punt li l-ktejjeb ma kellux jitqassam tard kienet enfasizzatu numru ta' drabi kif jidher car mill-minuti.

1.1.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rrekordjat ir-referenza ghal materja nru 17.3 li tghid "ma taqbilx li ghandu jinhareg wara l-ahhar gimgha ta' Marzu."

1.1.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li bhalma diga qal fil-laqgha precendenti, huwa jaf li saret osservazzjoni min-naha tal-Kunsilliera Davina Sammut Hili izda dan ma jfissirx li din l-osservazzjoni kienet decizjoni tal-Kunsill.

1.1.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li fil-fatt hi kienet anke baghtet kumment permezz ta' email fuq approvazzjoni ta' memo interna fejn kienet qalet li hi tapprova l-pubblikazzjoni tal-ktieb bil-kundizzjoni li m'ghandux jitqassam lejliet l-elezzjoni.

1.1.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li din kienet opinjoni taghha izda ma jfissirx li kien hemm decizjoni fuqha.

1.1.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-gurnata ta' qabel kienet giet iccirkolata memo interna li kienet gabet l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri u qalet li ma tahsibx li kien hemm bzonn li tigi msejjha laqgha straordinarja ladarba l-Kunsill qatt ma kien waqqa decizjonijiet mittiehda permezz ta' memos interni.

1.1.15 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill dejjem zamm id-dritt li l-memos interni huma soggetti ghal decizjoni waqt laqgha statutorja tal-Kunsill.

1.1.16 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-ftehim kien li l-pubblikazzjoni kienet ser titqassam qabel l-elezzjoni. Huwa qal li minkejja dan, dakinhar filghodu kien intqal mill-Kunsillier Vincent Borg li dan il-ktejjeb kien ser iservi ghal propaganda tas-Sindku.

1.1.17 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar li s-Sindku kien qal li hu u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili kienu gew mghajjra mis-Sindku li kienu qed jibzghu iqassmuh.

1.1.18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kunsillieri ma kellhomx ghalfejn jibzghu.

1.1.19 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem ma' residenti dwar dan il-kaz u qal kif kulhadd huwa sorpriz li mhux ser jitqassam. Huwa qal li kulhadd irid jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu izda hu jhossu liberu li jispjega pubblikament dak li kien gara.

1.1.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-gudizzju tan-nies kien ser jinghata s-Sibt segwenti, dakinhar tal-elezzjoni.

1.1.21 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jistax jifhem ghalfejn ghandha tinkiser prassi li ilha stabbilita sa mill-ewwel legislatura tal-Kunsill.

1.1.22 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-kunsillieri ma kienux qed jghidu li l-ktejjeb ma kellux jitqassam qabel l-elezzjoni izda li in vista tac-cirkostanzi, m'ghandux jitqassam lejliet l-elezzjoni

1.1.23 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan kollu kien suggettiv.

1.1.24 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qal li f'lokalitajiet ohra, imkien ma kien tqassam l-istess gimgha ta' l-elezzjoni.

1.1.25 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jibqa' jsostni li dan hu attentat biex jostor lill-Furjanizi milli jkunu jafu l-hidma tal-kunsillieri.

1.1.26 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx ma' l-argument li qed jaghmel is-Sindku.

1.1.27 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Furjanizi kienu ser jiggudikaw lill-Kunsill mhux fuq il-ktejjeb biss izda anke fuq dak li raw matul dawk it-tliet snin legislatura.

1.1.28 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk il-ktejjeb ma jitqassamx, dan kien ser jaffetwa lilhom li hadmu wkoll u mhux biss lis-Sindku.

1.1.29 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kellu l-fakulta' li jitfghu online ladarba kellu kopja tieghu.

1.1.30 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal lis-Sindku li hu ma kellu l-ebda fakulta' ladarba dan kien progett tal-Kunsill li fuqu kien hemm decizjoni tal-Kunsill li ma jigix distribwit ghalissa. Ghalhekk huwa sostna li s-Sindku ma kellu l-ebda dritt li jiddistribwixxi dan il-materjal.

1.1.31 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jista' jiddistribwixxi dan il-programm u jekk iridu, il-kunsillieri setghu jiehdu l-passi necessarji.

1.1.32 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li allura kienet qed tipprova tinstab loophole sabiex il-ktejjeb jigi distribwit xorta. Huwa qal li l-kunsill kien parti minn demokrazija li titlob li l-maggoranza tirrenja u terbah u ladarba l-maggoranza kienu qed jaqblu li l-ktejjeb ma jigix pubblikat jew distribwit ghalissa, allura hadd ma kellu d-dritt li jaghmel kontra.

1.1.33 Is-Sindku Nigel Holland qal li d-demokrazija gieli giet abbuzata u ghalhekk hu kien qed jerfa' r-responsabbilta' li jagixxi b'certu mod ladarba kien konvint li ma kien qed jikser l-ebda ligi.

1.1.34 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma tistax tifhem ghalfejn dan il-paniku kollu biex il-ktejjeb jinhareg qabel l-elezzjoni. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma setax jifhem ghalfejn il-paniku biex ma jinharigx.

1.1.35 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill ta' din il-legistlatura kien fadallu sal-ahhar t'April u ghalhekk in-nies xorta wahda setghet tiggudika lill-kunsillieri fuq dak li kien sar, u mhux fuq ir-ritratti u l-istampi li jidhru fuq il-pubblikazzjoni.

1.1.36 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan kien l-ahhar sforz ta' kulhadd jekk jigi ddistribwit issa u kien ghalhekk li hu ma jaqbilx li ghandu jitqassam dik il-gimgha.

1.1.37 Is-Sindku Nigel Holland qal li la kien hemm il-hsieb li jitqassam zmien sew qabel l-elezzjoni, allura missu kien hemm sforz sabiex il-pubblikazzjoni tkun lesta fil-hin.

1.1.38 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan ma kienx gust ghaliex hu kien ta deadlines sabiex il-pubblikazzjoni tohrog fil-hin u qal li s-Sindku stess ma kienx zamm mad-deadlines moghtija.

1.1.39 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan ma kienx minnu u li meta gie distribwit il-ktejjeb ghall-approvazzjoni, kien il-messagg tal-Vici Sindku li kien ghadu nieqes.

1.1.40 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li 99% tal-ktejjeb kien inkiteb minnu u mis-Segrertarju Ezekuttiv u ghalhekk ma kellux biss il-messagg tieghu x'jiehu hsieb. Huwa qal li hu kien qed jikteb ix-xoghol ta' kulhadd u dak kollu li sar mill-kunsillieri kollha f'dawn l-ahhar tliet snin.

1.1.41 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu wkoll kien ghen fil-ktejjeb.

1.1.42 Is-Sindku Nigel Holland qal li s'issa l-istorja kienet biddlet hafna verzjonijiet u qal li dan kien attentat kontinwu li mmaterjalizza fl-ahhar biex il-ktejjeb ma jitqassamx. Huwa qal li dawn kienu serjet ta' impedimenti u ostakli biex il-ktejjeb ma jitqassamx.

1.1.43 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dawk kienu l-veduti tas-Sindku.

1.1.44 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ghamel il-propaganda tieghu separata u ghalih.

1.1.45 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qabel mal-Vici Sindku fejn qalet li l-propaganda personali kienet hallset ghaliha.

1.1.46 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu wkoll kien hallas ghall-propaganda tieghu.

1.1.47 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma jistax jifhem ghalfejn sal-ahhar mument kienu ghadhom qed ifittxu dak li jifridhom minflok dak li jghaqqadhom Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma setax jifhem din l-atitudni u kien ghalhekk li jifhem ghalfejn il-Floriana hi fl-istat li hi.

1.1.48 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jistax jifhem l-atitudni tal-kumplament tal-kunsillieri.

1.1.49 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-prassi ma kienx biddilha hu izda kienu biddluha huma.

1.1.50 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li sa fejn jaf hu dan il-ktejjeb ma kienx propaganda ghalihom il-kunsillieri izda kien opportunita' biex in-nies jaraw dak li kien sar mill-Kunsill. Huwa qal li l-ktejjeb ma kienx jezisti biex wiehed jiehu vantagg personali minnu izda biex jaghti rendikont tas-servizz u l-ghemil tal-kunsillieri.

1.1.51 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-ftehim tal-Kunsill kien li l-pubblikazzjoni tohrog qabel l-elezzjoni minkejja li dakinhar kien hemm min qed jahsibha mod iehor.

1.1.52 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rrekordjat li f'kull laqgha li giet diskussa l-pubblikazzjoni, hija kienet dejjem enfasizzat li din ma kelliex tinhareg fl-ahhar jiem ta' qabel l-elezzjoni.

1.1.53 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan ma jaghmilx differenza ghax bhalma kien qabel, dawn kienu biss kummenti u mhux qbil tal-Kunsill.

1.1.54 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minkejja dan ma kien hemm hadd li oppona l-kummenti tal-Kunsilliera Sammut Hili jew li ssuggerixxa mod iehor.

1.1.55 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm hafna stqarrijiet bhal tal-Kunsilliera Sammut Hili izda hadd ma kien oppona jew zied maghhom. Huwa semma li l-Vici Sindku kien qal li kien kontra li tigi organizzata l-attivita' ta' St Patrick's Day izda hadd ma kien zied maghha.

1.1.56 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li tali kumment ma jistax jikkonfermah ghax ma jiftakrux izda jista' jimmagina ghalfejn kien intqal.

1.1.57 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar lis-Sindku li hu kien qal li ried jibqa' jaghmel ic-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena minkejja kollox.

1.1.58 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li s-Segretarju Ezekuttiv seta' jitkellem fuq l-effett li tali attivita' halliet fuq il-finanzi tal-Kunsill.

1.1.59 Is-Sindku Nigel Holland qal li m'ghandux ikun hemm biza' li tintrefa' r-responsabbilta' mill-kunsillieri.

1.1.60 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma kellu l-ebda biza'.

1.1.61 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qrat korrispondenza mibghuta minnha fil-16 ta' Frar fejn hi wiegbet lill-kunsillieri kollha li wisq anqas ma taqbilx li l-ktejjeb jitqassam fl-ahhar xahar tal-kampanja.

1.1.62 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni sabiex il-ktieb tal-hidma tal-Kunsill, kemm hard u soft copy, jibda' jitqassam mill-gimgha d-diehla. Tali mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB,DSH,MP)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

1.1.63 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ser jivvota kontra ghar-ragunijiet li issemmew iktar qabel u ser jirriserva li jiehu l-azzjonijiet li huma gusti in rispett ta' did-decizjoni.

Il-laqgha ntemmet f'11.55 am.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv